MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2011

Numru 249/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anthony Portelli)**
**(Spettur Carlo Ellul)**

**vs**

**Patrick Mangion**
**Christopher Stone**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra:
**Patrick Mangion** ta’ 33 sena, bin Anthony u Joan *nee’* Camilleri, mwieled Hal Qormi fit-30 ta’ Jannar 1973, residenti Blokk 1 Flat nru 7, Triq id-Deheb Fin, Hal Qormi u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 68773(M);
**Christopher Stone** ta’ 19-il sena, bin Philip Patrick u Maria Dolores *nee’* Bugeja, mwieled Pieta’ fit-18 ta’ Frar

1987, residenti 187, Triq l-Mdina, Hal Qormi u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 108087(M);

Talli gewwa r-Rabat nhar it-12 ta’ Mrzu 2006 ghall-habta tat-3:00 ta’ wara nofsinhar ikkommettew serq mill-fond numru 19, ‘Belle Etolie’ Triq Sant’Antnin, Rabat Malta, liema serq huwa kkwalifikat bl-valur li jiskorri Lm100 izda anqas minn Lm1000, bil-lok u bil-mezz u dan sar ghad-detriment ta’ Cristino u Josephine Attard mir-Rabat Malta;

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, bil-hsieb li jaghmlu elitti u cioe’ serq mill-fond numru 19, ‘Belle Etolie’ Triq Sant’Antnin, Rabat Malta, wrew dan il-hsieb b’atti esterni u taw bidu ghall-ezekuzzjoni ta’ dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta’ taghhom u li kieku gie esegwit kien ikun ikkwalifikat bil-valur li jiskorri l-Lm1000, bil-lok u bil-mezz ghad-detriment tal-imsemmija Cristino u Josephine Attard mir-Rabat Malta;

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi dahlu fir-residenza no. 29 Triq Sant’Antnin, Rabat Malta minghajr il-permess tas-sidu cioe’ ta’ Pauline Cassar mir-Rabat Malta u din hja persuna anzjana u dan a tenur tal-artikolu 330 tal-Kodici Kriminali;

Lil Patrick Mangion wahdu nakkuzawh talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi wara li kien gie kkundannat f’Malta ghal serq, jew ghal ricettazzjoni b’diversi sentenzi instab fil-pussess ta’ somma flus, u cioe’ nstab fil-pussess ta’ Lm196.10c minghajr ma ta kont soddisfacenti ghal liema skop legittimu nstabu ghandu f’dak iz-zmien;

Fl-ahharnett nakkuzaw lil Patrick Mangion wahdu talli sar recidiv b’sentenzi tal-Qorti tal-Appell Kriminali datata 02 ta’ Gunju 2004 u tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Dr. Joseph Cassar LL.D. datat 29 ta’ Jannar 2003, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi hebbejt ghall-istess Louis Joe Dalli u persuni ohra sabiex tingurjahom,

iddejjaqhom jew taghmlilhom hsara u dan ai termini tal-artikolu 339(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament ksirt il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku b'ghajjat u glied u dan bi ksur tal-artikolu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassru, ghamelu hsara u gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' hsara fil-bieb principali tar-residenza ta' l-imsemmi fond, liema hsara tiskorri il-Lm5, izda anqas minn Lm50, u li saret ghad-detriment ta' Cristino u Josephine Attard mir-Rabat (Malta);

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ma' obdewx ordnijiet legittimi ta' l-awtorita' kew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew fixkluhom waqt il-qadi ta' dmirijiet taghhom billi ma hallewx lil haddiehor jaghmel li b'ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel, jew billi gabu fix-xejn jew hassru dak li haddiehor ikun ghamel skond il-ligi, jew b'xi mod iehor li jkun, kemm il-darba din id-dizubbidjenza jew dan l-indhil, ma kienx jaqa' tahht id-dispozizzjonijiet ohra tal-Kap 9 Kodici Kriminali tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat ir-rinviju tal-avukat generali tal-31 ta' Jannar 2007 li permezz tieghu baghat lill-imputati sabiex ikunu ggudikati minn din il-Qorti ghal dak li hemm ravvizat fl-artikoli tal-Kodici Kriminali Kap 9 bil-mod segwenti:

Fil-konfront ta' Patrick Mangion:
(a) artikoli 261(b)(c)(e), 263, 267, 269, 278, 279
(b) artikoli 41(1)(a), 261(b)(c)(e), 263, 267, 269, 278, 279
(c) Artikolu 330
(d) Artikoli 287, 49, 50 u 533

Fil-konfront ta' Christopher Stone:
(a)artikoli 261(b)(c)(e), 263, 267, 269, 278, 279
(b)artikoli 41(1)(a), 261(b)(c)(e), 263, 267, 269, 278, 279
(c)Artikolu 330
(d)Artikolu 533

Rat illi l-imputati ma kellhom ebda oggezzjoni sabiex il-kaz kontra taghhom ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja;

Semget il-provi;

Semghet l-ammissjoni tal-imputat Christopher Stone dwar l-akkuzi kif enumerati fir-rinviju tal-avukat generali bl-eccezzjoni tal-akkuzi enumerati fil-paragrafu (a), senjatament dwar l-akkuzi ta’ serq;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi mix-xhieda mismugha minn din il-Qorti jemergu s-segwenti fatti. Fit-12 ta’ Marzu, 2006, ghall-habta tat-3pm l-Pulizija kienu infurmati illi kienet qed issehh serqa minn gewwa fond mhux identifikat, izda deskritt, fi Triq Sant’Antnin ir-Rabat. Meta l-Pulizija accedew fuq il-post sabu dak deskritt mill-informant u ikkonfermaw li kien hemm marki ta’ sgass mal-bieb tal-fond numru 19 izda l-bieb kien maghluq u ghallhekk tnejn minnhom accedew fuq il-bejt tal-fond billi dahlu minn residenza adjacenti. Il-bieb tal-bejt tal-fond sgassat kien ukoll miftuh u l-pulizija bdew niezlin mill-kamra tal-bejt meta instemgha kommossjoni gejja mill-fond ftit aktar ‘l isfel li ghandu n-numru 29. Minn dan il-fond intlemhu zewg persuni hergin jigru mill-bieb ta’ barra, wiehed liebes ahmar u l-iehor liebes gakketta kannella u l-Pulizija griet ghal warajhom minghajr ma halliethom minn taht ghajnejha. Is-suspettati rrifjutaw li jieqfu u ghalhekk kien sparat tir ta’ twissija. Wara li kompla l-insegwiment tas-suspettati li baqghu jigru, dawn kien finalment mwaqqfa u arrestati. Minn dak li semghet il-Qorti, ma hemm l-ebda dubbju li jista’ b’xi mod jissugerixxi li l-persuni li hargu mir-residenza numru 29 ma kienux l-istess persuni intercettati mill-Pulizija li b’ghaqal u esperjenza talbet li jkunu fotografati bl-istess hwejjeg li kellhom fuqhom. Mill-provi akkwiziti, izda, jirrizulta bil wisq evidenti illi s-serqa li kienet in kors fir-residenza numru 19 kienet sfrattata minhabba ragunijiet

indipendenti mill-volonta tal-awturi u dan proprju minhabba l-intervent f’waqtu tal-pubbliku u tal-pulizija li accedew mill-ewwel fuq il-post. Il-Pulizija raw persuna tittawwal minn gewwa t-tieqa tar-residenza nurmu 19 li taghti ghall-barra izda meta accedew minn fuq il-bejt ma sabu lill-hadd fir-residenza hlief taqlib kullimkien. Ix-xhieda tar-residenti tal-fond ikkonfermaw illi ma nsterqilhom xejn ghalhekk hija din ic-cirkostanzjali li twassal lil din il-Qorti ghall-konkluzzjoni illi kienu l-imputati responsabbli ghall-isgass fir-residenza numru 19 izda bil-hsieb li jwettqu serqa minn dak il-fond, liema serqa ma sehhitx minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta’ taghhom u ta’ dan jistghu jinstabu hatja ta’ attentat ta’ serq. Opportunement ikun rilevat illi l-avukat generali ma’ ssenjala ebda artikolu dwar hsarat ta’ fondi minkejja li kien hemm l-isgass fir-residenza numru 19 u minkejja illi s-sid tal-fond bidel is-serratura tal-bieb ta’ barra kawza tal-istess incident;

Minn hawn isegwi illi r-raguni ghaliex l-imputati introducew ruhhom fir-residenza numru 29 kien unikament sabiex jaharbu mill-pulizija li kienu gia accedew fuq il-bejt tan-nurmu 19. Il-Qorti hija konvinta dwar dan stante illi meta sid il-fond numru 29 telghet fuq il-bejt biex tara x’kienu l-passi li bdiet tisma fuq minn gewwa, appena fethet il-bieb tal-kamra tal-bejt l-imputati imbuttawha, dahlu fid-dar taghha u nizlu sparati ghall-bieb ta’ barra minn fejn hargu u harbu. B’hekk isegwi illi l-imputati ma kellhom l-ebda intenzjoni li jwettqu serqa fir-residenza numru 29 u anqas ma jista’ jkun attribwit lilhom attentat ta’ serq minn din ir-residenza;

Fir-rinviju ghall-gudizzju l-avukat generali ssenjaai l-artikoli kif msemmija aktar ‘l fuq  u ma nkorporax l-akkuzi ta’ hsarat volontarji u nuqqas li jobdu ordnijiet legittimi tal-pulizija, akkuzi dawn li l-prosekuzjoni ziedet fil-mori tal-kawza bil-permess tal-Qorti skond il-verbal tas-seduta tas-27 ta’ Marzu 2006. Ghalhekk din il-Qorti mhix qed issib htija fl-imputati ghal dak li jirrigwarda serq aggravat skond l-artikoli artikoli 261(b)(c)(e), 263, 267, 269, 278, 279, u dak li jirrigwarda hsarat volontarji u nuqqas ta’ obbidjenza ta’ ordnijiet legittimi tal-Pulizija;

Il-Qorti izda qed issib lill-imputati hatja ta’ attentat ta’ serq aggravat mir-residenza numru 19 Triq Sant’Antnin, ir-Rabat, Malta skond l-artikoli artikoli 261(b)(c)(e), 263, 267, 269, 278, 279 u dan ghaliex jirrizulta l-element ta’ attentat ta’ serq aggravat bil-mezz stante li kien hemm l-isgass, bil-valur stante li s-sid tar-residenza kkonferma li kien hemm oggetti portatili fil-valur in cirka ta’ ghaxart elef liri maltin ekwivalenti ghall erba u ghoxrin elf euro, li setghu jinsterqu u bil-lok stante li din hija dar ta’ abitazzjoni u konsegwentement issibhom hatja ukoll tal-ksur tal-artikolu 330 tal-Kap 9.

Fil-konfront tal-imputat Patrick Mangion, din il-Qorti ma tistax ssib htija ghal dak li huwa ksur tal-artikolu 287 u dan ghaliex ommu telghet tixhed u kkonfermat li kienet taghtu l-ammont ta’ mitejn liri maltin sabiex isewwi l-vettura tieghu u l-Qorti m’ghandhiex ghaliex tiddubita minn dan stante li anke s-sidien tar-residenza 19 kkonfermaw li ma nsteraq assolutament xejn mid-dar taghhom anqas flus kontanti.  L-imputat Mangion, izda ghandu jinstab hati tar-recediva sknod l-artikolu 49 u 50 tal-Kap 53.

Ghal dawn il-motivi;

Wara li rat l-artikoli 41(1)(a), 261(b)(c)(e), 263, 267, 269, 278, 279, 330, 49 u 50 fil-konfront ta’ Patrick Mangion u l-artikoli 41(1)(a), 261(b)(c)(e), 263, 267, 269, 278, 279 u 330 tal-Kap 9 fil-konfront tal-imputat Christopher Stone;

Skond ix-xhieda tar-rapprezentanta tas-Sedqa, l-imputat Christopher Stone qieghed jaghmel minn kollox u jidher li lahaq livell tajjeb ta’ kambjament radikali fil-hajja tieghu. Rat ukoll ir-rapport tas-social worker Trevor Calafato.  Iz-zmien biss jkun xhud ta’ dan u din il-Qorti ma tarax ghaliex m’ghandhiex taghti kull opportunita sabiex l-imputat ikompli jikkonsolida dan il-kambjament.  Dan aktar u aktar meta l-imputat ghandu jitqies bhala *first offender*. Ghal dan il-ghan il-Qorti qed tilliberah bil-kondizzjoni li ma jaghmilx rejat iehor sa zmien sentejn (2) mil-lum skond l-artikolu 22 tal-Kap 446;

Fil-konfront ta’ Patrick Mangion, stante li dan jinsab f’keffa kompletament differenti, u stante li huwa misjub hati ta’ recediva, l-Qorti m’ghandhiex triq ohra li tikkundannah ghal-terminu ta’ prigunerija ta’ sentejn (2) mil-lum;

Tobbliga lill-imputati ihallsu l-ispejjez kollha inkorsi fl-inkjesta nofs kull wiehed sa zmien tlett xhur mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------